MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 829/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Ian Douglas**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn, tlett mija u tnax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€2312.47) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1500011 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficjali tad-30 ta’ April, 2009 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-att, u bl-imghax sad-data ta` l-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fit-12 ta’ Jannar, 2009 mill-PL Peter Sammut u l-fatt li  l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta din it-talba.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------